MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 46/1992/1

**Mark Rota u b'digriet tas-26 ta' gunju 1997 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Sarah Rota, f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Alexia, Matthew, u Mark Darell, minflok zewgha Mark Rota li miet fil-mori tal-kawza.**

**Vs**

**Leslie Hair**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur silef lill-konvenut brevi manu tlett mitt lira Maltin (Lm300), kif indikat mill-ircevuta annessa mac-citazzjoni (Dok. A);

Premess illi l-konvenut, ghalkemm interpellat biex ihallas lura dina s-somma, ghadu sallum inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mitt lira Maltin lill-attur minnu dovuti, kif fuq indikat;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

L-illegitimita tal-persuna ta’ l-attur stante li dan l-ammont gie avvanzat mis-socjeta` R.O.V.E.R. Mfg. Co. Ltd. Li taghha l-attur huwa direttur u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ebda ammont mhu dovut lill-attur stante li s-socjeta` hawn fuq imsemmija R.O.V.E.R. Mfg. Co. Ltd, naqset dan l-ammont mis-salarju tal-konvenut u dan bhala hlas ghas-self lilu avanzat;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f’kaz illi din il-Qorti jidhrilha illil-ammont in kwistjoni huwa dovut, dan l-ammont ma jkunx dovut qabel id-dekorrenza ta’ hames snin mid-data li fiha giet avanzata s-somma in kwistjoni u dan billil-kontendenti ma stipulawx terminu li fih kellha tigi restitwita s-somma flus in kwistjoni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Marzu 1992 li permezz tieghu gie nominat Dr. Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attirci, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit legali li tinsab a fol. 43 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-11 ta’ Lulju 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Dan hu kaz semplici ta' talba ta' restituzzjoni ta' self ta' flus li sar mill-attur lill-konvenut fit-termini tad-dikjarazzjoni sottofirmata mill-konvenut fid-dokument esebit a fol. 5 tal-process;

Il-konvenut jopponi din it-talba bi tliet eccezzjonijiet (fol. 8) u cioe`:-

I. l-illegittimita tal-persuna billi jallega li s-self sarlu mis-socjeta` ta' l-attur u mhux mill-attur personalment;

II. l-ammont misluf jikkorrispondi ghat-tnaqqis mis-salarju dovut lilu mis-socjeta`;

III. it-talba ghar-restituzzjoni kienet intempestiva billi ma kienux ghaddew hames snin mis-self avvanzat;

Kif gie rilevat mill-perit legali fir-rapport tieghu (fol. 43) id-dikjarazzjoni taht il-firma ta' l-istess konvenut kienet "semplici u cara".  Fiha jirrizulta aktar minn ovvju illi s-self sar mill-attur pesonalment u mill-ebda socjeta` tieghu.  Il-prova kuntrarja naturalment kienet tispetta lill-konvenut li ssolleva l-eccezzjoni.  Dan htieglu jipprova mhux biss li s-

self sarlu mill-kumpanija izda li dan il-fatt kien ukoll maghruf u a pjena konoxxenza ta' l-attur;

Huwa veru li d-dikjarazzjoni tohloq biss presunzjoni *juris tantum* u setghet ghalhekk tigi newtralizzata bi provi ohra konvincenti. Pero` fil-fehma ta' din il-Qorti hi presunzjoni qawwija, u gjaladarba baqghet inattakkata, ma thalli l-ebda dubju u wiehed ghalhekk ikollu jippresumi illi l-konvenut kien qed jikkuntratta s-self ma' l-attur personalment. Fic-cirkostanzi allura ma jidhirx li tezisti raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiddubita mill-kontenut u l-portata ta' l-iskrittura jew dikjarazzjoni sottofirmata mill-istess konvenut;

Gjaladarba din il-Qorti fuq il-provi akkwiziti waslet ghal din il-konkluzjoni anke it-tieni eccezzjoni, kieku stess kellha tinghata affidament, lanqas ma tregi. Dan ghal motiv illi jekk il-konvenut kien ghadu dovut xi hlas ta' salarju hu messu indirizza l-ilment tieghu bl-appozita talba jew azzjoni fil-konfront tas-socjeta` li mpjegatu, u mhux jippretendi li jista' jaghmel *di sua sponta* xi forma ta' tpacija bejn dak dovut lilu mill-kumpanija u dak dovut minnu lill-attur *proprio*;

Jista' jinghad mil-linja difensjonali addottata mill-konvenut illi filwaqt li hu jirrikonoxxi li ha l-ammont reklamat in linea ta' self eppure hu jsostni wkoll li m'ghandux ihallas ghax hu pacut ma' ammont dovut mill-attur mutwant f'din il-kawza;

L-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili jipprovdi illi meta tnejn minn nies huma debituri lejn xulxin issir bejniethom it-tpacija *ipso jure*. L-element baziku f'dan id-dispost biex tkun tista' issehh it-tpacija huwa ovvjament li l-kontendenti jkunu kredituri u debituri reciprokament lejn xulxin;

L-Artikolu 1196(2) tal-Kodici Civili jipprovdi wkoll illi t-tpacija "issir *ipso jure* ukoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed jinqatghu wiehed b'iehor sa fejn ikunu indaqs.";

Dan hu hekk basta li z-zewgt idjun ikunu jirrigwardaw kontrattazzjonijiet bejn l-istess persuni, ikunu t-tnejn krediti likwidi, u li jistghu jintalbu. "Izda t-tpacija ma ssehhx *ipso jure* jekk iz-zewgt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u certi. Lanqas issehh jekk wiehed mid-djun ma jkunx ammess mill-parti l-ohra" (**Vol. XXXVII P I p 490**); "**A. Buttigieg noe -vs- George Spiteri noe**", Qorti tal-Magistrati (Malta), 5 ta' Settembru 1994; "**Cassar & Cooper Ltd -vs- A. Bezzina noe**", Appell, Sede Inferjuri, 31 ta' Lulju 1996);

Fil-kaz *de quo* ghandek kontestazzjoni manifesta u ghalhekk ma setax il-konvenut arbitrarjament jiddetermina hu li ghandha topera l-kompensazzjoni ("**Patrick Falzon Gough -vs- Albert Mizzi noe**", Appell, Sede Inferjuri, 28 ta' Jannar 1994); Dan anke kieku kellu jitqies li l-attur kien debitur tal-konvenut. Fatt dan li fil-kaz in ezami lanqas biss jezisti u in effetti lanqas hu hekk pretiz mill-istess konvenut, gjaladarba r-reklam tieghu dwar salarju hu fil-konfront tas-socjeta` R.O.V.E.R. Mfg. Co. Ltd.;

Il-verita hi li l-konvenut issellef l-ammont mitlub ghall-iskop minnu specifikat u cioe` biex jiskonta problema li kellu mal-Pulizija dwar ir-registrazzjoni tal-vettura tieghu. Sewwa, imbaghad, irraguna l-perit relatur fejn irrimarka illi jekk l-haddiema gew sodisfatti kollha mis-socjeta` wara li dahlu lura ghax-xoghol wara x-*shutdown* fl-1990, kif jista' imbaghad l-istess konvenut jippretendi fl-istess nifs illi parti mis-somma lilu mislufa kellha taghmel tajjeb ghal paga tieghu relattiv ghal perjodu tax-*shutdown* li, kif minnu stess ammess, kien gja sodisfatt;

Dan kollu stabbilit ghandu imbaghad isib applikabilita` l-Artikolu 1002 tal-Kap. 16 li jipprovdi li meta l-kliem tal-konvenzjoni huma cari, m'hemmx lok ghall-ebda interpretazzjoni. "Meta l-kliem ta' att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghal kongetturi" (**Vol. XXXVI P I p 191**);

L-iskrittura hi alkwantu cara, kif gja ritenut. Bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' self;

Issa hu veru li f'dan l-istess ftehim ma kienx miftiehem zmien ghar-radd lura. Ghal dan in-nuqqas pero` insibu risposta fl-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili li jistabilixxi illi fejn ma jkunx pattwit zmien jekk si tratta minn obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta' somma ta' flus dik ghandha tigi ezegwita fi zmien sentejn jekk is-somma ghandha tintradd lura minghajr imghax. Sitt snin fil-kaz li jkun gie akkordat imghax;

Fil-kaz *de quo* l-iskrittura ma ssemmi l-ebda mghaxijiet u ghalhekk japplika ghal kaz il-perjodu ta' sentejn ghar-restituzzjoni. L-azzjoni giet prezentata fl-20 ta' Jannar 1992 u ghalhekk f'anqas minn sentejn mid-data tas-self (Awissu 1990);

Ghal dan tissuplixxi t-teorija tal-"*Jus Superveniens*" reza applikabbli meta l-obbligazzjoni li tkun il-bazi ta' l-azzjoni tkun sospiza b'kondizzjoni jew terminu, u din il-kondizzjoni tavvera ruhha, jekk it-terminu jaghlaq waqt il-kawza. ("**Maria Stella Balzan pro et noe -vs- Carmelo Borg**", Appell Kummercjali, 16 ta' Jannar 1953; "**Salvino Abela -vs- Jimmy Spagnol**", Appell, Sede Inferjuri, 21 ta' Jannar 1986).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, takkolji d-domandi attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lura lill-attur is-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300), ghal self *brevi manu* li sarlu; bl-interessi dekoribbli minn Awissu 1992.

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------